4) Għall-applikazzjoni tar-regoli ta' preskrizzjoni stabbiliti permezz tar-Regolament Nru 2988/95, għandu jitqies li kull att li jinterrompi l-preskrizzjoni fir-rigward tal-kreditu prinċipali jinterrompi wkoll il-preskrizzjoni għaddejja fir-rigward tal-interessi, anki jekk ma jsir ebda riferiment għalihom fl-atti li jinterrompu l-preskrizzjoni li jikkonċernaw il-kreditu prinċipali?

5) Il-preskrizzjoni hija akkwistata permezz tal-iskadenza tat-terminu massimu previst fir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 3 (1) tar-Regolament Nru 2988/95 jekk, f'dan it-terminu, l-organu li jħallas jitlob ir-rimbors tal-għajnuna mħallsa indebitament, mingħajr ma jitlob fl-istess ħin il-ħlas tal-interessi?

6) It-terminu ġenerali ta' preskrizzjoni ta' ħames snin, introdott fid-dritt nazzjonali fl-Artikolu 2224 tal-kodiċi ċivili permezz tal-Liġi Nru 2008-561, tas-17 ta' Ġunju 2008, seta' jissostitwixxi, għall-preskrizzjonijiet li jkunu għadhom ma ġewx akkwistati fil-jum tad-dħul fis-seħħ ta' din il-liġi, it-terminu ta' preskrizzjoni ta' 4 snin previst mir-Regolament Nru 2988/95 b'applikazzjoni tad-deroga prevista fl-Artikolu 3(3) ta' dan ir-regolament?

---

(1) Regolament tal-Kunsill (KE, EURATOM) Nru 2988/95, tat-18 ta' Diċembru 1995, dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 1, p. 340).
(2) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 800/1999, tal-15 ta' April 1999, li jistabbilixxi regoli komuni dettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema ta' rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni ta' prodotti agrikoli (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 25, p. 129).
(3) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 770/96, tas-26 ta' April 1996, li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 3002/92 li jistabbilixxi r-regoli komuni dettaljati sabiex ikun verifikat l-użu u/jew destinazzjoni tal-prodotti ta' intervent (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 7, p. 173).

---

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-tribunal de première instance de Bruxelles (il-Belġju) fit-12 ta' Novembru 2015 – Raffinerie Tirlemontoise SA vs État belge

**(Kawża C-585/15)**

(2016/C 038/44)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

### Qorti tar-rinviju

Tribunal de première instance de Bruxelles

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrenti:* Raffinerie Tirlemontoise SA

*Konvenut:* État belge

### Domandi preliminari

1) L-Artikolu 33(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2038/1999, tat-13 ta' Settembru 1999, dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor [1] għandu jiġi interpretat – b'mod partikolari fid-dawl tas-sentenza tas-27 ta' Settembru 2012, Zuckerfabrick Jülich (C-113/10, C-147/10 u C-234/10) – fis-sens li għall-finijiet tal-kalkolu tat-telf medju, għandha tiġi diviża, għall-kategoriji kollha ta' zokkor esportati, is-somma tal-ispejjeż reali bis-somma tal-kwantitajiet esportati, kemm jekk effettivament sarux jew le ħlasijiet lura għal dawn il-kwantitajiet?

2) L-Artikolu 33(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2038/1999, tat-13 ta' Settembru 1999, dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor għandu jiġi interpretat – b'mod partikolari fid-dawl tas-sentenza tas-27 ta' Settembru 2012, Zuckerfabrick Jülich (C-113/10, C-147/10 u C-234/10) – fis-sens li t-trasferimenti li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni (bħala element ta' debitu jew ta' kreditu) fil-kalkolu globali tal-imposti fuq il-produzzjoni għandhom jiġu kkalkolati, għall-kategoriji kollha ta' zokkor esportati, billi tiġi diviża s-somma tal-ispejjeż reali bis-somma tal-kwantitajiet effettivament esportati, kemm jekk effettivament sarux jew le ħlasijiet lura fuq l-esportazzjoni għal dawn il-kwantitajiet?

3) Fil-każ ta’ risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda, ir-Regolament 2267/2000 ([2]) u r-Regolament 1993/2001 ([3]) huma invalidi?

([1]) ĠU L 252, p. 1.
([2]) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2267/2000, tat-12 ta’ Ottubru 2000, li jiffissa, għas-sena ta’ kummerċ 1999/2000, l-ammonti tal-imposti fuq il-produzzjoni kif ukoll il-koeffiċjent ta’ kalkolu tal-imposta addizzjonali fis-settur taz-zokkor (ĠU L 259, p. 29).
([3]) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1993/2001, tal-11 ta’ Ottubru 2001, li jiffissa, għas-sena ta’ kummerċ 2000/2001, l-ammonti tal-imposti fuq il-produzzjoni fis-settur taz-zokkor (ĠU L 271, p. 15).

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Juzgado de Primera Instancia nº 1de Jerez de la Frontera (Spanja) fis-16 ta’ Novembru 2015 – Banco Santander, S.A. vs Cristobalina Sánchez López**

**(Kawża C-598/15)**

(2016/C 038/45)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Qorti tar-rinviju**

Juzgado de Primera Instancia de Jerez de la Frontera

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Banco Santander, S.A.

*Konvenut:* Cristobalina Sánchez López

**Domandi preliminari**

1) Leġiżlazzjoni nazzjonali li toħloq proċedura bħal dik fis-subparagrafu 7 tal-Artikolu 250 (1) tal-Ley de Enjuiciamento Civil (Liġi tal-Proċedura Ċivili), li, minn naħa, tobbliga l-qorti nazzjonali tagħti deċiżjoni li tagħti l-pussess tal-akkomodazzjoni ipotekata lill-persuna li tkun akkwistatu fil-kuntest ta’ proċedura ta’ eżekuzzjoni extraġudizzjarja u, min-naħa l-oħra, b’applikazzjoni tas-sistema fis-seħħ stabbilita fl-Artikolu 129 tal-Ley Hipotecaria (Liġi dwar l-Ipoteki), fil-formulazzjoni tagħha li tirriżulta mil-Ley 1/2000 tat-8 ta’ Jannar 2000, u fl-Artikoli 234 sa 236 tar-Reglamento Hipotecario (Regoli dwar l-Ipoteka), fil-formulazzjoni tiegħu li tirriżulta mir-Real Decreto 290/1992, ma tipprovdi la l-possibbiltà ta’ stħarriġ ġudizzjarju *ex officio* ta’ klawżoli inġusti, u lanqas il-possibbiltà għad-debitur li jinvoka b’mod effettiv l-eżistenza ta’ tali klawżoli sabiex jipprekludi t-twettiq tal-ipoteka, kemm jekk fil-kuntest tal-proċedura ta’ eżekuzzjoni extraġudizzjarja tal-ipoteka jew kemm fil-kuntest ta’ proċedura ġudizzjarja indipendenti, hija kuntrarja għad-dipożizzjonijiet tal-Artikoli 3(1) u (2), 6(1) u 7(1) tad-Direttiva 93/13/KEE ([1]) u għall-għanijiet tal-istess direttiva?

2) Leġiżlazzjoni nazzjonali bħad-Disposición Transitoria Quinta de la Ley 1/2013 (Il-ħames dispożizzjoni tranżitorja tal-Liġi 1/2013), li tippermetti lin-nutar li jissospendi proċedura ta’ eżekuzzjoni extraġudizzjarja tal-ipoteka diġà mibdija fil-mument tad-dħul fis-seħħ tal-Ley 1/2013 biss jekk il-konsumatur jipprova li kien beda azzjoni dwar in-natura inġusta ta’ klawżola ta’ kuntratt ta’ self ipotekarju li jikkostitwixxi l-bażi tal-bejgħ extraġudizzjarju jew li jiddetermina l-ammont eżiġibbli fil-kuntest ta’ eżekuzzjoni tal-ipoteka, u bil-kundizzjoni li din l-azzjoni indipendenti tkun ittieħdet mill-konsumatur f’terminu ta’ xahar mill-pubblikazzjoni tal-Ley 1/2013, meta dan it-terminu ma ġiex innotifikat individwalment lill-konsumatur, u qabel ma n-nutar ikun għamel l-aġġudikazzjoni, hija kuntrarja għad-dispożizzjonijiet imsemmija iktar ’il fuq tad-direttiva u għall-għanijiet tal-istess direttiva?

3) L-artikoli msemmija iktar ’il fuq tad-direttiva, l-għan tagħha u l-obbligu li hija timponi lill-qrati nazzjonali li jeżaminaw *ex officio* l-eżistenza ta’ klawżoli inġusti fil-kuntratti konklużi mal-konsumaturi, mingħajr ma huwa meħtieġ li l-konsumatur jitlob dan, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jippermettu lill-qorti nazzjonali, fi proċeduri bħal dawk previsti fis-subparagrafu 7 tal-Artikolu 250(1) tal-Ley de Enjuiciamento civil jew fi-proċedura ta’ “bejgħ extraġudizzjarju” rregolata fl-Artikolu 129 tal-Ley Hipotecaria, li ma jiġix applikat id-dritt nazzjonali meta dan ma jippermettix dan l-istħarriġ ġudizzjarju *ex officio*, fid-dawl taċ-ċarezza tad-dispożizzjonijiet tad-direttiva u tal-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea dwar l-obbligu tal-qrati nazzjonali li jistħarrġu *ex officio* l-eżistenza ta’ klawżoli inġusti fil-kawżi dwar kuntratti konklużi mal-konsumaturi?